Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 246 / 2016

Il-Pulizija

vs

Antonio Briffa

Illum, 21 ta' Mejju, 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Antonio Briffa, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 402078 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar it-12 ta' Frar 2016 u fix-xhur u / jew jiem ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda:

1) Bl-imgieba tieghu gab ruhu b' tali mod li ta fastidju lil martu Samantha Briffa u aktar talli kien jaf li kien imissu jkun jaf li dan kien ta' fastidju ghall-imsemmija persuna;

2) Ukoll talli fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li jaghmel xi reat u ghamel uzu mhux xieraq bih;

3) Ukoll talli fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi, uza xi network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici fornut minn imprizz ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih, ittraskura milli josserva -istruzzjonijiet li jkunu mahruga minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-network jew aparat ta' komunikazzjonijiet eletronici jew inkella uzah b' mod mhux kif imiss;

4) U aktar talli bl-imgieba tieghu ikkaguna lil mara tieghu Samantha Briffa minn Rahal Gdid li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta taghha jew kontra l-persuna ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew

bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu u hekk huwa jaf jew messu kien jaf li l-imgieba tieghu ikkagunat lil haddiehor hekk jibza' :

5) U aktar talli nhar 12 ta' Frar 2016 ghal habta tal-4pm u/jew hinijiet wara gewwa l-ghassa tal-pulizija ta' Rahal Gdid u/jew f' dawn il-gzejjer volontarjament kiser il-bon ordni jew il- kwiet tal-pubbliku;

6) U aktar talli nhar it-12 ta' Frar 2016 ghal habta ta' 3:45pm u/jew hinijiet wara f' dawn il-gzejjer ghamel lil Charles Darmanin u/jew persuni/a ohra ingurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b' mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

7) U aktar talli qiegħed jigi akkuzat li kiser kundizzjoni ta' sentenza moghtija lil mill-Qorti liema sentenza hija dik ta' sena prigunerija sospizi ghal sentejn a tenur tal-art 28 (A) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8) U kif ukoll akkuzat talli kiser garanzija personali li bl ebda mod ma jkellem, idejjaq jew jimmolesta lil martu Samantha Briffa, liema garanzija giet estiza ghall-membri kollha tal-familja taghha, inkluz missierha Charles Darmanin.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-4 ta' Mejju, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 251 A (l) (a) (b), 338 (dd), 339 (1) (e), 412 C, 28 A, 251 B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u I-Artikolu 49 a.b, c tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta;

II-Qorti ma sabixx lill-imsemmi imputat hati tat-tielet u tminn imputazzjonijiet ghaldaqstant tilliberah minnhom.

Filwaqt illi l-Qorti sabitu hati tal-akkuzi l-ohra kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannah ghall-piena ta' sitt xhur prigunerija.

Ordnat d-dhul fis-sehh tas-sentenza tat-13 ta' Awwissu, 2015 fejn l-imputat kien wehel sena prigunerija sospiza ghal sentejn.

Ordnat l-hrug ta' ordni ta' protezzjoni ghal tlitt snin a favur ta' Samantha Briffa ai termini tal-Artikolu 412 C tal-Kapitolu 9.

In oltre din il-Qorti lliberatu mit-tielet u t-tmien akkuzi.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellanti Antonio Briffa minnu pprezentat fit-13 ta' Mejju, 2016 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi u filwaqt illi tikkonfermaha f' dik il-parti fejn sabet lill-appellant mhux hati tat-tielet (3) u t-tmien (8) akkuzi, thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza f' dik il-parti fejn sabitu hati tal- tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tar-raba (4), tal-hames (5), tas-sitt (6), u tas-seba' (7) akkuzi dedotta kontra tieghu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena. jew alternattivament, f' kaz li l-Qorti ssib htija fil-konfront tieghu. timodifika l-istess sentenza appellata, limitatament in kwantu ghall-pienna, billi tirrevoka l-piena nflitta ta' sena u sitt xhur prigunerija u minflok tinfliggi piena alternattriva minn dik karcerarja.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

Illi l-fatti m' humiex dawk prospettati mill-prosekuzzjoni u in oltre, li l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi matul is-smigh tal-kawza. Illi l-appellant mhux minnu li fid-data ndikata fl-akkuza. jew fix-xhur u/jew jiem ta' qabel, gab ruhu b' tali mod li ta fastidju lil martu u kif ukoll kkaguna biza' fil-konfront ta' martu Samantha Briffa u li ser tintuza vjolenza kontra taghha jew kontra proprjeta taghha jew xi persuni ohra ndikati fl-artikolu citat ossia artikolu 251B tal-Kodici Krirninali.

Illi b' referenza ghal dan premess, l-appellant umilment jirrileva li l-imputazzjoni li taghha l-appellant instab hati hija wahda li trid tigi ppruvata mill-prosekuzzjoni sal-grad rikjest mil-Ligi u cioe' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, xi haga li quddiem l-ewwel Qorti dan ma sehhx. Konsegwententament l-appellant ma seta' qatt jinstab hati kif effettivament instab mill-ewwel Qorti tar-reat kontemplat fl-artikolu 251 B tal-Kodici Krirninali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'
Malta.

Illi kif jidher ampjament car, u kif effettivament sehh fil-perkors tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, l-istess parte civile Samantha Briffa fid-depozizzjoni taghha bil-gurament kkonferrnat li hi mhux l-ewwel darba li cemplet jew ghamlet kuntatt mall-appellant sabiex hu jghaddi l-manteniment ghall-binhom. In oltre, jigi rilevat ukoll l-istess parte civile qatt ma rrikkoriet ghand il-Qorti tal-Familja sabiex tottjeni Digriet f' dan is-sens u dan stante l-fatt li l-istess appellant dejjem kien adempjenti fir-rigward tal-hlas tal-manteniment mingahajr ebda problemi.

Illi in oltre, u dan ukoll gie kkonfermat mill-parte civile l-istess appellant qatt ma kien vjolenti fil-konfront taghha.

Illi l-problemi dejjem inqaghlu kull darba li kemm l-appellant u kemm il-parte civile gew sabiex isibu qbil jew kompromess dwar l-access ghall-minuri. Illi l-parte civile f' dan l-istanti kienet tkun difficli hafna mall-appellant. In oltre, mhux l-ewwel darba li l-parte civile kienet ghall-ewwel tghid mod dwar l-access li meta tigi l-gurnata li l-partijiet ikunu ftehmu fuqha sabiex l-appellant ikun imissu l-access, l-parte civile tibdel id-decizjoni fl-ahhar hin u dan billi tingab xi skuza jew
ohra bil-konsegwenza li l-istess appellant jibqa' minghajr access.

L-appellant jirrileva li ghalkemm kif jidher mill-istess messaggi tieghu wiehed jista' jasal ghall-konkluzjoni li hu kien qieghed jkun ta' fastidju ghall-parte civile Samantha Briffa. ghandu jigi rilevat li dawn il-messaggi kienu intizi sabiex ma jisfaxxahx iz-zwieg taghhom. Illi artikolu 251A (3) (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula li:

(3) Persuna akkuzata b' reat taht clan l-artikolu tista' ggib prova li:
(e) fic-cirkostanzi partikolari dik l-irngieba kienet wahda ragonevoli.

Illi l-appellant f' dak il-perjodu kien qieghee! jaghmel hiltu kollha sabiex jirranga l-problemi taz-zwieg tieghu. Illi kienu jezistu l-presupposti kollha ghalxiex l-appellant jagixxa b' dan il-mod. Illi kif hareg car mid-depozizzjoni ta' Samantha Briffa fejn ikkonferrnat, bil-gurament, li mhux l-ewwel darba li kienet tmur tiltaqa' mall-appellant sabiex jghaddi l-manteniment ghall-binhom, u kienet tmur wahediha. In oltre, hareg car ukoll mill-komportarnent xejn komdu tal-istess persuna waqt ix-

xhieda taghha ghad-domanda jekk kinietx thossha mbezza' meta kienet tmur tiltaqa' mall-appellant ghall-manteniment. U ghall-kuntrarju, ghalxiex kienet thossha imbezza meta l-appellant kien jghidilha biex jiltaqghu sabiex isibu ftehim dwar l-access tal-minuri?

Illi hawnhekk il-parte civile ma tistax titiehed bis-serjeta fejn bil-gurament qieghda tikkonfema li kemm-il darba iltaqghet mall-appellant wahediha sabiex tircievi l-manteniment ghall-minuri u mill-banda l-ohra thossha mbezza' meta jghidilha sabiex jiltaqghu biex jitkellmu fuq l-access tal-minuri.

Illi ghalkemm saru diversi rapporti mill-parte civile fil-konfront tal-appellant, l-istess parte civile qatt ma ghamlet rapport li l-appellant kien aggressiv maghha jew addirittura qatt ikkagunalha xi griehi imqar hfief. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti, fl-umli opinjoni tal-appellant, naqset milli taghmel din l-analizi approfondita ta' dan il-fatt u kif ukoll li l-biza tal-parte civile dejjem inhass meta l-appellant kien jikkuntattjaha dwar l-access ghall-minuri. In oltre, jidher car ukoll li hemm indhil mill-istess genituri tal-parte civile dwar din il-kwistjoni tal-access tal-minuri u dan l-indhil qieghed ihalli impatt negattiv fuq ir-relazzjoni tal-partijiet u dan anke sabiex isibu qbil ghas-separazzjoni personali ta' bejniethom. Di piu, tali indhil mhux fl-ahjar interess tal-minuri.

Illi in oltre, l-istess Onorabbli Qorti naqset ukoll li taghmel distinzjoni bejn artikolu 251A u 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi kif hemm riportat tajjeb ferm fid-decizjoni, "Il-Pulizija (Spt A. Cachia) vs Massimo Tivisini" fejn dik l-Onorabbli Qorti tal-Appell irrilevat:

Umbaghad l-artikolu 251B johloq ir-reat ta' min bl-imgieba tieghu jikkaguna li haddiehor jibza' li ser tintuza vjolenza kortrih jew kontra l-proprjeta' tieghu meta jkun jaf jew imissu jkun jaf li l-
imgieba tieghu ser tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza' kull darba rninn dawn l-okkazzjonijiet.

Dan hu r-reat dedott fit-tieni imputazzjoni hawnhekk jidhol l-istess kriterju enuncjat fl-art. 251 A u cioe' li persuna li l-imgieba taghha tkun dubjuza ("whose course of conduct is in question"), jmissha tkun taf li ser tikkaguna biza' f' haddiehor li ser tintuza vjolenza kontrieh f' xi okkazzjoni jekk persuna ragjonevoli li jkollha l-istess infomazzjoni kieku tahseb li dik l-imgieba tkun ser tikkaguna biza' fil-persuna l-ohra f dik l-okkazzjoni. Jigifieri hawn it-test hu wiehed oggettiv tar-
reasonable man.

Hemm ukoll f' dan l-artikolu l-iskuzanti kontemplati fl-artikolu 251A (3)(a)(b] u (c) u dik li l-imgieba addottata mill-persuna akkuzata kienet wahda ragjonevoli ghal harsien taghha jew ta' haddiehor jew ghall-harsien tal-proprjeta' taghha jew ta' haddiehor.

Illi ghalkemm id-data tal-akkuza (12/02/2016) l-appellant huwa akkuzat fir-raba' imputazzjoni bi ksur ta' artikolu 251B, ossia li se tintuza vjolenza kontra taghha jew axxendenti, dixxendenti taghha, din l-imputazzjoni ma giex ippruvata skond il-grad rikjest mill-Ligi. u cioe' lill-hinn minn kull dubju ragjonevoli (beyond reasonable doubt).

Illi anke jekk additrittura dakinhar tal-incident l-appellanti agixxa b' mod li ma kellux fic-cirkostanzi jagixxi, xi haga li zgur l-appellant m' ghamilx, certament li ma jammontax ghal course of conduct. Huwa ormai palezi u pacifiku u gie ritenut diversi drabi mill-Qorti tal-Appell Kriminali li attegjament jew komportament anke jekk tali attegjament jew komportament jikser disposizzjonijiet varji tal-ligi li sehhew f' incident wiehed ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-artikolu 251 B tal-Kodici Kriminali taghna liema artikolu gie ispirat mill-artikolu 4 (1) tal-Protection from Harassment Act, 1997, tal-Ingilterra.

Illi kif gia' spjegat, il-fatt biss li l-appellanti kull rna kien qieghed jesigi kien li jekk il-parte civile tohrog ibnu l-minuri jinzamm minnu. Illi ghalhekk qatt ma setghet tissussiti tali biza kif kontemplata fl-artikolu 251 B tal-Kapitolu 9. Anke jekk ghall-grazzja tal-argument sehh incident zghir dakinhar, tali incident jista' jinkwadra taht

disposizzjonijiet ohra tal-kodici kriminali, imma zgur ma jiskattax l-artikolu in dizamina.

Bir-rispett dovut. lanqas ma gie prodott, tul il-proceduri, xi forma ta' prova li turi li l-appellant kien effettivament prekluz milli jara lill-ibnu, bhal perezempju Digriet mahrug mill-Qorti ndikattiv li l-appellanti kellu xi granet fissi sabiex jara lill-ibnu. Taht cirkostanzi simili, forsi kien ikun hemm ragun li tinholoq biza' meta l-appellant, minkejja li huwa prekluz minn Qorti milli jkollu access ghall-ibnu f' certi granet, xorta ttenta li jkollu tali access f' dawk il-granet li ma kienux imsmmija fid-Digriet.

Ghalhekk, x' seta taht tali cirkostanzi jammonta ghal biza' meta l-appellanti ma kienx regolat bl-ebda Digiret u l-istess parte civile kemm-il darba ltaqghet mieghu mingahjr biza ghal hlas tal-manteniment? Allura l-biza u li se tintuza l-vjolenza kontra taghha tirrizulta meta l-appellanti jkun irid jara lill-ibnu l-minuri? Wisq aktar, xi vjolenza ntuzat fil-prezenza tal-parte civile li tat lok ghall-possibilita ta' biza li tista tintuza fil-futur? De minimis wiehed jistenna li l-agir u l-appellanti kellu jkun wiehed vjolenti bhal perezempju li mar id-dar tal-parte civile u l-genituri taghha u beda jkisser jew adirittura sgassa l-bieb biex jiehu l-ibnu. Kien ikun hawn li forsi kien jinholoq element ta' biza konsegwenti ghall-agir tal-appellanti, xi haga li ma gietx ppruvata quddiem l-ewwel Qorti. Dak li ntqal mill-appellant lill-missier il-parte civile ntqal f' mument ta' frustrazzjoni u dwejjaq ta' missier li kien qieghed ihoss in-nuqqas ta' ibnu u mhux ghax verament kellu hsieb li jaghmel dan.

Illi jigi ulterjorament rilevat li biex jissusisti r-reat kontemplat fl-artikolu 251B, jinnccessita' li l-vjolenza kontemplata fl-istess artikolu hija dik li talvolta tista Ligi pperpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa u dan kif senjatarrient gie ritenut f' diversi sentenzi tal-Appell Kriminali fosthom fil-kawza fl-ismijiet ' **Il-Pulizija vs Raymond Parnis'** . F' dan il-kaz partikolari Rayrnond Parnis kien akkuzat ukoll talli (1) hedded bi kliem lil martu, (2) insulentaha bi kliem hazin, (3) talli bl-imgieba tieghu kkaguria lil haddiehor jibza li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta tieghu, (4) qal kliern oxxen jew kliem indicenti fil-pubbliku u (5) volontarjarnent kiscr il-paci pubblika b' ghajjat u glied.

Illi in oltre, l-parte civile, Samantha I3riffa, fix-xhieda taghha ukoll ippruvat taghti l-impressjoni li I-appellant qieghed ikun ta' biza kontinwa ghall-farniljari taghha. Illi I-istess xhud kompliet ikkonfermat ukoll li l-nuqqas ta' qbil huwa biss fuq il-modalira' tal-access ghall-minuri. In oltre xehdet ukoll li l-appellant segwiha kernrn-il darba meta hija kienet tohrog u anke nqaghlu xi incidenti bejniethom.

In oltre, meta mistoqsiha in koritro-ezami meta gara dan kollu u jekk l-appellant kienx jghidilha li meta tohrog il-rninuri jinzamm minnu. l-istess xhud naqset rnilli taghti hjiel dwar dan, tant li lanqas biss kienet kapaci tirrispondi ghad-dornanda. F' dan l-istadju l-prosekuzzjoni naqset iggib l-aqwa prova, bhal perezcrnpju rapport: tal-Pulizija li jindikaw dana kollu, li l-appellant wisq jemrncn li rna jezistux, u konsegwentement I-ewwel Qorti strahet biss fuq merament allegazzjonijiet.

Anke hawn li cioe' fejn gie allegat li l-kwerelanta giet segwita l-appcllant senjatament jaghmel referenza ghall-Blackstone' s Criminal Practice 2008.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Semghet lill-kwerelanti Samantha Briffa tghid li illum il-gurnata tinsab separata minn ma zewgha l-akkuzat u cio' nonnostante xtaqet li ma tixhidx f'dawn il-proceduri u talbet li tigi ezentata milli taghti x-xhieda taghha u l-Qorti laqghet it-talba taghha u ezentata milli taghti x-xhieda taghha. Semghet ukoll lil missierha Charles Darmanin jghid ukoll li xtaq jigi ezentat milli jaghti x-xhieda tieghu u stante l-parentela, l-Qorti laqghet it-talba tieghu.

Rat illi l-prosekuzzjoni ma insistietx fuq ix-xhieda l-ohra li kienu ddeponew quddiem l-ewwel Qorti u cioe' l-ispettur Christabelle Chetcuti, l-ispettur Paula Ciantar u PS 0015 Cyril Butters

Rat l-istqarrija rilaxxjata mill-appellant nhar l-14 ta Frar, 2016 esebita fl-atti a fol. 7 fejn meta giet mistqosija jekk kienx minnu li huwa insulenta u hedded lil kunjatu Charles Darmanin u li ta fastidju lil martu Samantha jghid li mhux minnu. Spjega li kien vera li cempel lil Charles Darmanin nhar it-12 ta' Frar 2016 meta kien fuq l-ghatba tal-ghassa tal-pulizija ta' Rahal Gdid u qallu li meta martu Samantha tohrog u toqghod barra sal-hamsa ta' filghodu jixtieq li binhom ikun ghandu u joqghod mieghu. Huwa cahad li uza xi kliem ta' theddid fil-konfront tieghu. Addirittura jghid li dan Darmanin qallu li t-tifel minghandu ma johdux. Kien dak il-hin mea beda jghajajat u qallu li it-tifel hu ibnu u li ghalhek ghandu dritt ghalih.

Fir-rigward tal-messaggi li baghat lil martu Samantha jghid li verament kien baghthomlha hu tant ried li jkunu maqghuda flimkien mat-tifel. Waqt li meta cempel lil martu ighid ukoll li qallha li xtaq li kunu maghqudin flimkien ma binhom. Jichad li qal li jekk ma jiehux it-tifel kien ser imur fejn qed ighix it-tifel u jifqa' l-bieb u jidhol jiehdu.

Fir-rigward tal-incident gewwa l-ghassa tat-12 ta Frar, 2016 jghid li dakinhar kien kommoss hafna minhabba id-dwejjaq li ghandu minhabba it-tifel u kien skuza ruhu. Jghid ukoll li jaf li l-Qorti kienet harget garanzija favur Samanta u l-membri tal-familjari taghha u dan sabiex ma jimmolestahomx pero' jghid li huwa ma kienx immolesthom.

Illi l-ewwel Qorti ma kientix sabet lill-appellant hati tat-tielet u tmien akkuza u illiberatu minnhom waqt li sabitu hati tal-akkuzi l-ohra.

Illi in vista tal-fatt li f'dan l-istadju l-provi huma differenti minn dawk mismugha quddiem l-ewwel Qorti din l-Qorti ser tasal ghal gudizju differenti minn dak li waslet ghalih l-ewwel Qorti.

Fid-dawl tal-provi prodotti din l-Qorti qieghda tilqa' l-appell tal-appellant fis-sens li qeda tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant mhux hati tat-tielet u tat-tmien akkuza u illiberatu minnhom, pero' qed tirriforma fir-rigward tal-akkuzi l-ohra fejn sabet lill-appellant hati fis-sens li qeda tillibera lill-appelanti mill-akkuzi l-ohra kollha salv ghall-hames akkuza qed tikkonfemra il-htija tal-appellant fuq ammissjoni tieghu stess u qeda tirriforma il-piena moghtija minn l-ewwel Qorti billi minflok il-piena ta prigunerija ta sitt xhur qeda tikkundanna lill-appellant ihallas ammenda ta' hamsin euro fir-rigward tal-hames akkuza.

In vista tal-fatt li kemm Samantha Briffa kif ukoll Charles Darmanin talbu li ma jixdux f'dawn il-proceduri qeda ukoll tirrevoka l-Ordni moghtija mill-ewwel Qorti fejn ordnat li jinhareg Ordni ta Protezzjoni fil-konfront ta Smantha Briffa ai termini tal-artikolu 412C tal-kap 9.

Qeda ukoll tirrevoka l-ordni li tat l-ewwel Qorti fir-rigward tas-sentenza tat-13 ta' Awwissu, 2015 fejn kien gie kundannat sena prigunerija sospiza ghal sentejn tigi operattiva.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur